*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 1

It-Tlieta 16 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, Fis- 6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli - Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

ASSENTI:

Ismael Dalli - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **1.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 1.1.1 | Ma kienx hemm. |
| **1.2** | **Accettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku** |
| 1.2.1 | Skond l-Att tal-Kunsilli Lokali Kap 363, Artiklu 25 il-Kunsillier Thomas Debattista beda sabiex fetah il-laqgha u ta' introduzzjoni dwar l-accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u Vici Sindku. |
| 1.2.2 | Il-Kunsillier Joseph Abela Galea qara u ffirma il-gurament ta' Accettazjoni tal-hatra ta' Sindku fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja, illi ssejjah ghal din il-laqgha. |
| 1.2.3 | Is-Sur Joseph Abela Galea kien dikjarat Sindku tat-Tmien legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien. |
| **1.3** | **Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku** |
| 1.3.1 | Il-Kunsillier Darlene Vella Zammit qrat u ffirmat il-gurament ta' Accettazjoni tal-hatra ta' Vici Sindku fil-prezenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja, illi ssejjah ghal din il-laqgha. |
| 1.3.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit kienet dikjarata Vici Sindku tat-Tmien legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien. |
| **1.4** | **Diskors mis-Sindku** |
| | Nixtieq nirrangrazzja l-kulhadd prezenti ghax illum bdejna il-hidma taghna ufficjalment ghall-hames snin li gejjijn wara li hdimna kollha flimkien u issa rridu nwettqghu dak kollu li wghedna lill-poplu fil-25 ta' Mejju 2019.<br><br>Konna kollha anzjuzi u ambizjuzi li nitilghu fil-Kunsill. Hdimna kollha separament imma issa din il-hidma rridu nwetqugha ufficjalment kollha flimkien. Inwieghed, nixtieq u nassigura ruhi u nitlob minghandkom li fejn tidhol politika ma' nharsu lejn hadd b'differenza. Ahna kollha Tarxinizi u se nahdmu bhala *Team* u m'ghandniex ghalfejn nintilfu fuq cucati imma nibqghu maghqudin flimkien.<br><br>Skond ix-xewqa taghkom wara li kellimtkom jien se nqassam id-dekasteri tal-Kunsill Lokali ghat-Tmien legislatura hekk kif gej; |

| 1.5 | **Formazzjoni tal-Kunsill ghal-legislatura** |
|---|---|
| 1.5.1 | Sindku - Joseph Abela Galea se jkun responsabbli minn;<br><br>• Indafa<br>• Ambjent<br><br>Vici Sindku – Darlene Vella Zammit se tkun responsabbli minn;<br><br>• Anzjani u Qasam Socjali<br>• Trasport<br><br>Kunsillier – Neil Portelli se jkun responsabbli minn;<br><br>• Zaghzagh u Tfal<br>• Sports u Attivitajiet Fizici<br><br>Kunsillier – Thomas Debattista se jkun responsabbli minn;<br><br>• Infrastruttura<br>• Progetti Strutturali<br>• Integrazjoni Socjali<br><br>Kunsillier – Christian Pace se jkun responsabbli minn;<br><br>• Storja<br>• Komunitajiet - Ghaqdiet Kulturali<br><br>Kunsillier – Ismael Dalli se jkun responsabbli minn;<br><br>• Innovazzjoni<br>• Sahha<br><br>Kunsillier - Anabelle Marmara' se tkun responsabbli minn;<br><br>• Edukazzjoni<br>• Familja<br>• Harsien ta' l-Animali |

| | |
|---|---|
| | Mat-tmiem id-diskors tas-Sindku id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hi kienet tghat ir-rizenja taghha mal-Kunsill ta' Ħal Tarxien mhabba cirkostanzi li fl-opinjoni taghha ma' kienux f'konformita ma' GDPR u mhux skond il-ligi tal-KAP363 tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kemm huwa mportanti li l-Kunsill jimxi mal-ligi u x'riperkussjonijiet jista' jkollu jekk dan jigi njorat.<br><br>Sa Emma Vella ziedet tghid li b'direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali hi kienet lesta li tibqgha tghin il-Kunsill u tassisti f'dak kollu li jkun hemm bzonn sakemm huma jahtru Deputat Segretarju iehor jew inkella Segretarju Ezekuttiv permanenti.<br><br>Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill li Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv ghall-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien kienet ghalqet u l-Kunsill kien ircieva l-applikazzjonijiet ghaldaqstant setghu jddeciedu rigward l-ghazla tal- *board* ta' l-*interviews*.<br><br>Sa Emma Vella awgurat lill-Kunsiliera kollha l-hidma t-tajba. |
| 1.6 | Ghazla ta' gurnata u hin ghas-seduta tal-Kunsill |
| 1.6.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:10p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju 2019 fis-7:00p.m. |

Konfermati, illum 16 ta' Lulju 2019.

____________________
Joseph Abela Galea
Sindku

____________________
Emma Vella
Deputat Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*